## 25 ta' Mejju, 1956

### Imħallfin:

**Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M. LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

**Angelo Ciantar *versus* Carmelo Attard et.**

*Sentenza tal-Board tal-Kera li tiddeċidi li l-intimat għandu titolu leġittimu ta' lokazzjoni fuq il-fond fil-kwistjoni, billi s-sid preċedenti tal-fond kien akkonsenta li fil-post jidħol l-intimat minflok l-inkwilin preċedenti li kien ser jitlaq il-post, tirriżolvi kwistjoni ta' dritt; u għalhekk dik is-sentenza hija appellabbli.*

*Jekk is-sid kien qal lill-inkwilin preċedenti li seta' jagħmel li jrid mil-post, meta dan mar qallu li ser jitlaq il-post u jdaħħal minfloku lil ħadd ieħor, impliċitament huwa akkonsenta għat-trasferiment tal-lokazzjoni favur l-inkwilin li daħal f'lok dak li kien hemm qabel, avvolja ma jkunx sar diskors fuq iż-żmien u l-ammont tal-kera. Fl-assenza ta' ftehim xort'oħra, għandu jiftihem li kellu jibqa' l-ammont ta' kera li kien iħallas l-inkwilin preċedenti; fil-waqt li ż-żmien huwa preżunt mill-liġi.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li Jirregola l-Kera sabiex ir-rikorrent jieħu taħt idejh il-fond numru 129 Main Street, Żebbbuġ, mikri lil Carmelo Attard, u dan peress li għandu bżonnu għall-użu tiegħu;

Rat is-sentenza tal-Board li Jirregola l-Kera tal-14 ta' Marzu, 1956, li biha ġiet miċħuda t-talba; bl-ispejjeż; billi l-Board ikkunsidra;

Illi mill-provi ġie stabbilit li oriġinarjament il-fond kien mikri lil Giuseppe Attard. Ftit żmien qabel il-post ġie

mibjugħ lir-rikorrent, Gaudenzia Attard, mart l-imsemmi Giuseppe, sabet lis-sid, li dak iż-żmien kien Filippo Bonnici, u qaltlu li kienet sejra toħroġ u jekk kellux pjaċir li fil-fond tmur toqgħod oħtha, li dak iż-żmien kienet għarusa, u in segwitu żżewġet lil Carmelo Attard. In vista ta' dan il-kunsens, Carmelo Attard daħal jokkupa l-fond. Xi tliet xhur wara, u għalhekk......... Ix-xhud tinsab korroborata mill-istess Filippo Bonnici, li ammetta li, qabel ma biegħ il-fond, Gaudenzia Attard kienet avżatu li kienet sejra ddaħħal fil post lill-oħtha, u huwa rrispondiha li setgħet "tagħmel kif trid";

Illi mill-premess ma hemmx ebda dubju li Carmelo Attard, ir-raġel ta' oħt Gaudenzia Attard, qiegħed jokkupa l-post leġittimament; u għalhekk għandu jiġi eżaminat biss jekk it-talba tar-rikorrent, in kwantu jrid il-fond għall-użu tiegħu, hijiex ġustifikata jew le;

*Omissis;*

Illi ma hemmx bżonn jiġi rivelat li r-rikorrent ma jistax ikollu drittijiet aqwa minn dawk li kellu fuq il-fond l-awtur tiegħu Filippo Bonnici; u għalhekk, ġa ladarba dan l-aħħar akkonsenta biex il-fond jiġi ċedut lil Carmelo Attard, ma jistax ir-rikorrenti l-lum imur kontra dak li għamel l-awtur tiegħu;

Rat ir-rikors tal-attur, li biħ dan appella mis-sentenza fuq imsemmija tal-Board li Jirregola l-Kera tal 14 ta' Marzu 1956, u talab ir-revoka tas-sentenza appellata fuq imsemmija u l-laqgħa tat-talba tiegħu; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Fuq l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità tas-sentenza;

Illi fis-sentenza appellata l-Board iddeċieda li Carmelo Attard għandu titolu leġittimu ta' lokazzjoni fuq il-fond in kwistjoni, billi s-sid preċedenti kien akkonsenta li fil-post tidħol oħt il-mara tal-intimat Giuseppe Attard, li kien sejjer jitlaq il-post. Il-kwistjoni jekk bid-diskors li sar bejn mart Giuseppe Attard u Filippo Bonnici, is-sid preċedenti, saretx lokazzjoni ġdida jew le favur Carmelo Attard, li al-

lura kien għadu għarus biss, hija punt ta' dritt; u għalhekk, meta qata' din il-kwistjoni affermattivament, il-Board qata' punt ta' dritt, u rrenda appellabbli s-sentenza;

Ikkunsidrat, fuq il-meritu;

Illi dina l-Qorti taqbel li, meta Filippo Bonnici wieġeb lill-mart l-intimat Giuseppe Attard li setgħet tagħmel li trid, u li għalhekk impliċitament qalilha li f'lokha u f'lok żewġha setgħet tidħol oħtha fil-kera, huwa akkonsenta għat-trasferiment tal-lokazzjoni favur oħt il-mara ta' Giuseppe Attard; u għalhekk, meta r-rikorrent kiseb il-post, huwa ħadu ġa mikri lil dik il-mara. Huwa veru li fuq iż-żmien u l-ammont tal-kera ma sarx diskors; iżda taħt iċ-ċirkustanzi, preċiżament fl-assenza ta' ftehim xort'oħra, għandu jiftiehem li kellu jibqa' l-ammont ta' kera li kien iħallas Giuseppe Attard, fil-waqt li ż-żmien huwa preżunt mill-liġi (art. 1621 (1) Kod. Ċiv.). In vista ta' dak il-ftehim, Carmelo Attard, il-lum żewġt oħt il-mara tal-intimat Giuseppe Attard, akkwista fuq il-post it-titolu ta' lokazzjoni "maritali nomine". U għalhekk il-kwistjoni legali ġiet tajjeb maqtugħa mill-Board;

Għaldaqstant, la l-Qorti taqbel fuq dan mal-Board, ma tidħolx f'meritu ieħor tal-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-inappellabbilità, bl-ispejjeż kontra l-appellat, u tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.